**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 39 – IT-TNEJN, 11 TA' ĠUNJU 2012 FIS-5:45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 38**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

**2 Pagamenti Numru 65**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 5 favur u 4 astensjoni.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet diskussa l-istima tal-*Camray* biex isir il-pedistal tal-istatwa li ser issir f'Misraħ il-Ward. Kien hemm qbil li din kienet għolja ħafna. Ġie deċiż li tintalab stima lil *Twish Co Ltd*. Jekk l-istima ma taqbiżx 1100 Ewro tax-xogħol, il-materjal jinxtara mill-Kunsill u dan ix-xogħol jagħmlu din il-kumpannija. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet dan, is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Saret diskussjoni rigward il-masġar il-ġdid fi Triq l-Istefanotis. Ġie deċiż li tintalab stima lill-ELC biex dan il-masġar jidħol fil-programm ta' manutenzjoni u tisqija. Is-Sur Bonello Du Puis ippropona dan, u s-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu. Ġie deċiż ukoll li sadanittant issir it-

tisqija li hemm bżonn. Ġie deċiż ukoll li ssir l-applikazzjoni għall-arloġġ tad-dawl għal dan il-masġar. Ġie deċiż li ssir *CCTV camera* f'dan il-masġar.

3.3 Saret talba mill-Każin tal-Banda biex il-Kunsill flimkien ma' din is-Soċjetà jorganizzaw *Summerfest 2012*. Għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti ta' din is- Soċjetà. Ġie deċiż li din it-talba tintlaqa' u ma ssirx aktar minn 1500 ewro fi spejjeż.

3.4 Saret diskussjoni rigward iż-*zebra crossing* li qed issir fi Triq Birkirkara mill-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara. Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li dan il-proġett jiġi sospiż temporanjament peress li ser issir laqgħa bejn ir-residenti u l-Kumitat peress li hemm numru ta' residenti kontra din iż-*zebra crossing*. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 2 favur (Mikhail Micallef, Anthony Mifsud Bonnici), 3 kontra (Rita Saliba, Marica Bayliss, David Dalli) u 4 astensjoni (Neville Mallia, Violet Bajada, Joan Farrugia, Etienne Bonello Du Puis). Il-proposta m'għaddietx.

3.5 Ġie deċiż li ssir manutenzjoni li hemm bżonn b'urġenza minħabba l-attività ta' lejla letterarja li ser issir f'dan il-ġnien fil-21 ta' Ġunju.

Is-Sinjura Rita Saliba ġiet skużata mil-laqgħa.

**4 Affarjiet Oħra**

4.1 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li tiġi aċċettata l-offerta tas-Sur Tony C. Cutajar biex jiġu *translated* il-kotba fuq San Ġwann. L-istima kienet bejn Lm 200 u Lm 300 għal kull wieħed. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm 3 favur, 4 kontra u 1 astensjoni. Il-proposta m'għaddietx.

4.1.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jiġu maħruġa kwotazzjonijiet għal servizzi biex jiġu *translated* dawn il-kotba. Kien hemm 5 favur, 3 astensjoni.

4.2 Is-Sur Neville Mallia ippropona li jiġu mwaħħla *stickers* tal-arloġġ fuq it-tabelli tal-40 *minute parking*. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 3 favur, 4 kontra u 1 astensjoni. Il-proposta m'għaddietx. Ġie deċiż li jitwaħħal bank ġdid fi Triq in-Naspli k/m Triq Akaċja kif ukoll xogħol ta' marki fi Triq San Ġiljan, Triq ir-Russett u l-parti t'isfel ta' San Ġwann tal-Għorgħar.

4.3 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jsiru 2 bankijiet ġodda fis-*soft area* quddiem id-*Downtown* kif ukoll bankina ġdida f'parti ta' Triq San Mikiel. Kien hemm qbil unanimu.

4.4 Is-Sinjura Violet Bajada ppproponiet li ssir *sticker* jew tabella fuq il-van tal-Kunsill. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 2 favur, 3 kontra u 3 astensjoni. Il-proposta m'għaddietx. Ġie deċiż li jsiru żewġ bankijiet fi Triq ir-Riġnu kif ukoll *street lighting* ġdid fis-*soft area* ta' Triq ir-Rignu.

4.5 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li tintalab biex titneħħa t-*telephone box* li tinsab fi Vjal ir-Riħan k/m Triq il-Kappella minħabba li m'għadiex funzjonabbli. Kien hemm qbil unanimu.

4.6 Is-Sur David Dalli ppropona li jsiru tabelli fl-entraturi ta' Masġar Patri Leopoldu Tabone tan-*No Dogs Allowed*. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm 6 favur, 1 kontra u 1 astensjoni. Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat ittra lill-Enemalta rigward il-*wiring* fi Triq l-Istefanotis, kif ukoll titnaddaf il-librerija.

4.6.1 Is-Sur David Dalli ppropona li jinbidlu l-*poles* fi Triq in-Naxxar minħabba li huma ta' ostruzzjoni. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 7 favur u 1 kontra. Ġie deċiż ukoll li ssir *U bend* fi Triq l-Imsieraħ u oħra fi Triq San Mikiel k/m Triq San Franġisk. Ġie deċiż ukoll li ssir talba lil *Wasteserv* biex il-*bring in site* li tinsab fi Pjazza Lourdes tiġi taħt l-art, kif ukoll isir site fi Ġnien Karin Grech taħt l-art ukoll. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 9 ta' Lulju 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**